**Emenda 445**

**Mercedes Bresso, Miapetra Kumpula-Natri, Nicola Danti, Paolo De Castro, Pina Picierno, Daniela Rondinelli, Alessandra Moretti, Dan Nica, Elsi Katainen, Massimiliano Salini, Elisabetta Gualmini, Pietro Bartolo, Giuliano Pisapia, Achille Variati, Isabella Adinolfi, Fulvio Martusciello, Alessandra Mussolini, Lara Comi, Patrizia Toia, Lucia Vuolo, Fabio Massimo Castaldo, Maria Grapini, Corina Crețu, Franco Roberti, Francesca Peppucci, Beatrice Covassi, Stefania Zambelli, Salvatore De Meo, Aldo Patriciello, Andreas Glueck, Ulrike Müller, Valter Flego, José Ramón Bauzá Díaz, Robert Hajšel, Jan-Christoph Oetjen, Clara Aguilera, Brando Benifei, Giuseppe Ferrandino, Moritz Körner, Herbert Dorfmann, Tudor Ciuhodaru, Camilla Laureti, Rovana Plumb, Mauri Pekkarinen, Bogusław Liberadzki, Angelika Niebler, Matjaž Nemec, Chiara Gemma, Raffaele Stancanelli, Nicola Procaccini, Giuseppe Milazzo, Carlo Fidanza, Pietro Fiocchi, Vincenzo Sofo, Sergio Berlato, Nikos Papandreou, Nicolás González Casares, Petar Vitanov, Victor Negrescu, Nicola Beer, Irene Tinagli, Marek Paweł Balt**

**Rapport** **A9-0319/2023**
**Frédérique Ries**
L-imballaġġ u l-iskart mill-imballaġġ
(COM(2022)0677 – C9-0400/2022 – 2022/0396(COD))

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 22 – paragrafu 2**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 2. B'deroga mill-paragrafu 1, l-operaturi ekonomiċi ma għandhomx jintroduċu fis-suq l-imballaġġ fil-formati u għall-finijiet elenkati fil-punt 3 tal-Anness V mill-1 ta' Jannar 2030. | 2. B'deroga mill-paragrafu 1, l-operaturi ekonomiċi ma għandhomx jintroduċu fis-suq l-imballaġġ fil-formati u għall-finijiet elenkati fil-punt 3 tal-Anness V mill-1 ta' Jannar 2030 ***sakemm ma jkunux jistgħu juru li mill-inqas 85 %, skont il-piż, tal-iskart mill-imballaġġ li jqiegħdu fis-suq għall-konsum immedjat jinġabar b'mod separat għar-riċiklaġġ fil-punt tal-bejgħ, abbażi tal-materjal tal-imballaġġ predominanti***. |
| | ***L-operaturi ekonomiċi soġġetti għall-obbligu msemmi fl-ewwel subparagrafu għandhom jirrapportaw fuq bażi annwali lill-Istati Membri l-piż tal-iskart mill-imballaġġ miġbur separatament għal kull materjal. Kull Stat Membru għandu jipprovdi data aggregata għal kull materjal tal-imballaġġ miġbur separatament lill-Kummissjoni.*** |

Or. en

*Ġustifikazzjoni*

*L-emenda tintroduċi deroga għall-projbizzjonijiet proposti fl-Artikolu 22 u l-Anness V, il-punt 3, jiġifieri għall-imballaġġ mill-ikel u x-xorb miġbur separatament għar-riċiklaġġ. Proposta bħal din hija kkomplementata minn obbligu ta' rapportar fuq l-operaturi tal-HORECA.*

**Emenda 446**

**Mercedes Bresso, Miapetra Kumpula-Natri, Nicola Danti, Paolo De Castro, Pina Picierno, Daniela Rondinelli, Alessandra Moretti, Dan Nica, Elsi Katainen, Massimiliano Salini, Elisabetta Gualmini, Pietro Bartolo, Giuliano Pisapia, Achille Variati, Isabella Adinolfi, Fulvio Martusciello, Alessandra Mussolini, Lara Comi, Patrizia Toia, Lucia Vuolo, Fabio Massimo Castaldo, Maria Grapini, Corina Crețu, Franco Roberti, Francesca Peppucci, Beatrice Covassi, Stefania Zambelli, Salvatore De Meo, Aldo Patriciello, Andreas Glueck, Ulrike Müller, Valter Flego, Robert Hajšel, Jan-Christoph Oetjen, Clara Aguilera, Brando Benifei, Giuseppe Ferrandino, Moritz Körner, Herbert Dorfmann, Tudor Ciuhodaru, Camilla Laureti, Rovana Plumb, Mauri Pekkarinen, Bogusław Liberadzki, Angelika Niebler, Matjaž Nemec, Chiara Gemma, Raffaele Stancanelli, Nicola Procaccini, Giuseppe Milazzo, Carlo Fidanza, Pietro Fiocchi, Vincenzo Sofo, Sergio Berlato, Nikos Papandreou, Nicolás González Casares, Petar Vitanov, Victor Negrescu, Nicola Beer, Irene Tinagli, Marek Paweł Balt**

**Report** **A9-0319/2023**
**Frédérique Ries**
L-imballaġġ u l-iskart mill-imballaġġ
(COM(2022)0677 – C9-0400/2022 – 2022/0396(COD))

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 43 – paragrafu 3a (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***3a. Sal-1 ta' Jannar 2029, id-distributur finali li jagħmel disponibbli fis-suq ikel u xorb ippreparat u kkonsmat fil-bini tiegħu fis-settur HORECA għandu jiżgura li jiġu stabbiliti sistemi ta' ġbir separat għall-frazzjonijiet differenti tal-materjali tal-iskart mill-imballaġġ, biex jgħinu lill-konsumaturi jisseparaw l-iskart mill-imballaġġ.*** |
| | ***L-operaturi ekonomiċi soġġetti għall-obbligu msemmi fil-paragrafu 3 għandhom jirrapportaw fuq bażi annwali lill-Istat Membru l-piż tal-iskart mill-imballaġġ miġbur separatament għal kull materjal. Kull Stat Membru għandu jipprovdi data aggregata għal kull materjal tal-imballaġġ miġbur separatament lill-Kummissjoni.*** |

Or. en

*Ġustifikazzjoni*

*L-emenda tintroduċi obbligu ta' ġbir separat fuq is-settur tal-HORECA għall-imballaġġ mill-ikel u x-xorb. Din l-emenda tikkomplementa l-idea ta' deroga għall-projbizzjonijiet proposti fl-Artikolu 22 u l-Anness V meta tintlaħaq ċerta mira ta' ġbir separat għar-riċiklaġġ.*